28 ta' Gunju, 1947.

Imhallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder. LL.D.

Il-Pulizija *versus* Teresa Sammut

**Sentenza — Nullità — Art. 19 (c) u 440 (3) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Min jinstab hati ta' żewġ kontravvenzjonijiet jew iżjed, għandu jiġi kundannat għall-piena separata għal kull waħda minn dawk il-kontravvenzjonijiet. L-applikazzjoni ta' piena waħda għal dawk il-kontravvenzjonijiet kollha hija vjolazzjoni ta' preċett leġislativ li huwa sostanzjali, u għalhekk dik il-vjolazzjoni tirrendi nulla s-sentenza.*

*Meta nċident simili jinġieb quddiem il-Qorti ta' l-Appell, din il-Qorti għandha tħassar is-sentenza u tiddeċidi l-kawża fil-meritu.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni tal-Pulizija Eżekutiva li biha lil Teresa Sammut, Virginia Saliba, Marianna De Felice, u Petrina De Felice, ġie attribwit ir-reat li fis-7 ta' Gunju 1947, l-Imsida, għamlu storbju bil-għajjat, u lil Teresa Sammut u Marianna De Felice li tkellmu wkoll oxxen fil-publiku u nsultaw lil xulxin;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fis-26 ta' Gunju 1947, li biha ġie ritenut li l-akkużi ġew pruvati, u kwindi Virginia Abela ġiet kundannata ammonizzjoni u riprensjoni għal distorbju, Teresa Sammut lira ammenda, u Marianna De Felice £2 ammenda għal distorbju u kliem oxxen, u Petrina De Felice 10s. ammenda għal distorbju;

Rat ir-rikors li bih l-imsemmija Teresa Sammut interponiet appell kontra s-sentenza fuq imsemmija;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi l-appell ġie anki magħmul minħabba li nkisret, jew naqset li ssir, formalità preskritta mil-liġi taħt piena ta' nullità jew xort'oħra sostanzjali, u fost ksur ta' formalitajiet oħrajn ġie indikat il-fatt li l-Ewwel Qorti applikat piena waħda għal żewġ kontravvenzjonijiet diversi, u mhux piena diversa għal kull kontravvenzjoni;

Illi fil-fatt l-appellanti ġiet mill-Ewwel Qorti misjuba ħatja talli qalet fil-publiku kliem faħxi jew mhux xieraq, u

talli f'post pubbliku ġġieldet jew irraġġat ma' ħadd iehor b'mod li jista' jdejjaq lil min ikun għaddej minħabba l-istorbju li sar f'dak il-għied — żewġ kontravvenzjonijiet distinti, billi waħda hija kontemplata fl-inċiż (z) u l-oħra fl-inċiż (r) ta' l-art. 352 tal-Kodiċi Kriminali;

Illi skond l-art. 19 (c) tal-Kodiċi Kriminali l-ħati ta' żewġ kontravvenzjonijiet jew iżjed għandu jiġi kundannat għall-piena li hemm għal kull kontravvenzjoni;

Illi l-Ewwel Qorti ma applikatx piena għal kull waħda miż-żewġ kontravvenzjonijiet fuq indikati li tagħhom l-appellanti ġiet misjuba ħatja, imma applikat piena waħda ta' £1 ammenda għaż-żewġ kontravvenzjonijiet flimkien, in vjolazzjoni tal-preċetti leġislativ fuq imsemmi, li huwa sostanzjali. Inoltri, bħala kriterju ta' massima, l-ineżekuzzjoni tal-liġi tipproduċi nullità;

Illi skond l-art. 440 (3) tal-Kodiċi ċitat, meta din il-Qorti ssib li nkisret, jew li ma saretx, xi formalità li trid il-liġi taħt piena ta' nullità, jew li tkun xort'oħra sostanzjali, din il-Qorti għandha tħassar is-sentenza u tiddeċidi l-kawża fil-meritu;

Għal dawn il-motivi;

Tħassar is-sentenza fuq imsemmija mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fis-26 ta' Ġunju 1947, in kwantu tirrigwarda l-pronunċjament dwar iż-żewġ kontravvenzjonijiet li għalihom flimkien ġiet applikata piena waħda, u tordna li l-kawża tiġi trattata fil-meritu.